# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Jannar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**vs**
**Matthew Vella**
**Stephen Garzia**

**Kumpilazzjoni Nru: 384/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Matthew Vella**, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 51886(M); u

**Stephen Garzia**, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 366478(M).

A**kkuzati talli:**

1. Nhar id-29 ta' Lulju 2014, u matul il-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, bhala l-persuni li zammew jew qablu li jzommu xi annimal u cioe' ziemel, gieghelu lill-istess annimal issofri ugiegh, tbatija jew

dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Harsien ta' l-Annimali;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammew annimali u cioe' ziemel u ma kienux responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

**Lil Matthew Vella wahdu akkuzat talli:**

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Stephen Garzia wahdu akkuzat talli:**

4. Talli nhar id-29 ta' Lulju 2014 u matul il-granet ta' qabel, gewwa Triq San Leonardu, Xghajra, bhala l-persuna li zammet jew qablet li zzomm xi annimali, gieghel lill-istess annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm diversi annimali u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu zewgt iklieb, li kellhom intervent kirurgiku li ma kienx permess skond l-artikolu 9 tal-Kapitolu 439, liema klieb ma jistghux jinzammu sabiex jigu mibjughin, jigu offruti ghal bejgh, jinbieghu jew jinxtraw, u dan bi ksur ta' l-artikolu 10 tal-Kapitolu 439 dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu zewgt iklieb, liema klieb ma kienux identifikati eletronikament hekk kif rikjest fir-regolament numru 4 ta' L.S.437.101 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar l-identifikazzjoni eletronika tal-klieb.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti principali ta' dan il-kaz jirrizultaw ampjament u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi f'Lulju 2014 sar rapport lid-Dipartiment tal-Harsien ta'l-Annimali li kien hemm ziemel li kien soffra xi hruq. Ufficjali minn dan id-dipartiment marru fir-razzett lilhom indikat, fi Triq San Leonardu Xghajra, u sabu mhux dak iz-ziemel biss imma annimali ohrajn li kienu fi stat hazin. Minhabba dik is-sitwazzjoni intalab l-intervent tal-pulizija u anke ta' tabib veterenarju.

Illi fil-fatt dak in-nhar (cioe fid-29 ta' Lulju 2014) saret spezzjoni minn Olaf Gauci u Anton Grima mid-Dipartiment tal-Harsien ta'l-Annimali, flimkien mal-veterenarju Dr Francesco Rossi. Mid-depozizzjoni ta' dawn il-persuni kif ukoll mir-rapporti li gew redatti minnhom jirrizulta li fir-razzett kien hemm hames zwiemel, tlett iklieb u xi ghaxar tigieg. Iz-zwiemel kienu mizmumin f'kmamar li kienu mahmuga, mudlama u ma kellhomx ventilazzjoni adegwata; wahda minnhom kienet addirittura tintuza biex fiha jitqatta injam u fiha fil-fatt kien hemm ukoll magna li taqta' l-injam u hafna injam. Wiehed minn dawn iz-zwiemel kellhu gerha kbira fis-siq il-leminijja ta' wara li kienet kompatibbli ma hruq; kien hemm sinjali ta' hruq ukoll ma' denbu. Il-gerha kienet tidher li kienet ilha xi gimgha li saret u ma kienx ingib tabib vetenerarju biex jikkurah lil dan iz-ziemel. Dwar il-klieb: wiehed kellu griehi fuq daru, wiehed kien miksi dubbien u l-iehor ma setghax iqum fuq saqajh; tnejn minnhom kellhom denbhom maqtuh. L-ebda wiehed minn dawn il-klieb ma kien registrat u ccippjat. It-tigieg kienu mizmuma f'gagga li ma kenitx adattata. Aktar minn hekk irrizulta li strutturalment ir-razzett kien fi stat hazin hafna tant li gie konstatat li s-saqaf kellu x-xibqa tidher u kien hemm partijiet li kienu jidhru qishom ha jcedu.

Illi l-ispezzjoni saret fil-prezenza ta'l-Ispettur Robert Said Sareo li kkorrobora dawk il-fatti konstatati mill-persuni fuq imsemmija. Prezenti ukoll kien hemm l-imputat Matthew Vella kif ukoll Graziella Garzia, mart l-imputat l-iehor Stephen Garzia.

Illi ftit gimghat wara din l-ispezzjoni saret spezzjoni ohra, biex jigi stabbilit jekk kienx hemm titjieb fir-razzett u fil-mod kif kienu qed jigu mizmuma l-annimali; din it-tieni spezzjoni saret fit-2 ta' Awissu 2014 minn Anton Grima u Joseph Pulis. Mid-depozizzjoni taghhom, kif ukoll mir-rapport minnhom redatt, jidher li sa dak in-nhar kien ghadu ma ngiebx tabib veterenarju biex jinvista liz-ziemel, u l-klieb kienu ghadhom mhux iccipjati. Gie konstatat ukoll pero li l-post fejn kienu jinzammu it-tigieg tnaddaf.

Illi mill-informazzjoni migbura mill-uffijcali tad-Dipartiment tal-Harsien ta' l-Annimali u l-ispettur Said Sareo jidher li r-razzett in ezami huwa ta' l-imputat Stephen Garzia u l-annimali kollha hemm mizmuma kienu tieghu hlif ghaz-ziemel li kellu l-griehi u sinjali ta' hruq; dan iz-ziemel kien ta'l-imputat Matthew Vella.

Illi l-imputati mhux biss irrilaxxjaw stqarrija imma anke taw id-depozizzzjoni taghhom quddiem din il-Qorti. L-imputat Stephen Garzia jammetti kwazi l-kostatazzjonijiet kollha maghmula mill-persuni li ghamlu l-ispezzjoni; l-unika haga li jikkontesta hija l-fatt liz-ziemel soffra griehi bhala rizultat ta' hruq; huwa jinsisti li z-ziemel wegga' xi erbgha gimghat qabel li saret l-ispezzjoni meta hadu jtellaq Ghawdex. Garzia jghid li l-annimali kollha li kien hemm fir-razzett kienu tieghu hlif ghaz-ziemel li kellu l-griehi, li kien ta' l-imputat l-iehor Matthew Vella. Garzia spjega li dan iz-ziemel kien jinzamm f'ghalqa ta' Vella, pero meta raw li ma kienx qieghed sew (xi gimghatejn wara dik it-tellieqa) haduh fir-razzett ta' Garzia biex iddur bih il-mara tieghu. Matthew Vella da parti tieghu fil-waqt li jghid li z-ziemel wegga waqt it-tigrija, jinnega li qatt soffra xi hruq. Aktar minn hekk Vella jinnega li dan iz-ziemel huwa tieghu, ghalkemm f'partijiet ta'l-istqarrija u d-depozizzjoni tieghu jirreferi ghalih bhala tieghu. Minn dak li qal Vella pero jidher li huwa kien infurmat sew dwar dak kollu li kellu x'jaqsam ma dan iz-ziemel; huwa jammetti ukoll li f'fdak il-perjodu kellu ziemel.

Ikkunsidrat

Illi l-unika kunflitt fil-provi prodotti jirreferi ghal kif gew kawzati l-griehi fuq wiehed miz-zwiemel u ghal min hu sid dan iz-ziemel.

Illi jibda biex jinghad li ai fini ta'l-imputazzjonijiet in ezami mhux necessarju li jigi stabbilit ta min kien dan iz-ziemel; sejbin ta' htija fir-rigward ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet ma jirrikjediex li l-persuna responsabbli ghall-atti jew l-ommissjonijiet inkriminanti tkun sid l-annimal mahqur, altrimenti jistghu jibqghu impuniti atti kommessi bi ksur tad-dispozizzjoni in ezami kommessi minn terzi persuni li mhumiex sid l-annimal mahqur.

Illi dwar il-griehi li kellu z-ziemel, ghalkemm iz-zewg imputati jinsistu li dan ma nharaqx il-Qorti hija konvinta li tista' taghti affidabilita lill-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li kollha qablu u cioe li l-griehi li kellu z-ziemel kienu kompatbilli ma' hruq. Ta' certu relevanza f'dan ir-rigward hija d-deskrizzjoni li jaghti ta' dawn il-griehi t-tabib veterenarju li kien prezenti ghall-ispezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri z-zewg imputati qed jigu addebietati bir-reati prospettati fis-subartikoli 2 u 3 ta'l-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghaz-ziemel fuq imsemmi. L-imputat Stephen Garzia wahdu qed jigi addebietat ukoll b'l-isess zewg reati b'referenza ghall-klieb u ghat-tigieg; bir-reat prospettat f'l-artikolu 10 ta'l-istess Kapitolu 439 b'referenza ghall-klieb; bir-reat prospettat fir-regolamenti 4 u 11 ta' l-Avviz Legali 199 tas-sena 2011 b'referenza ghall-klieb. L-imputat Matthew Vella wahdu qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva.

Ikkunsidrat

Illi kif gustament irrilevat l-abbli difensur ta'l-imputati r-reat propsettat fis-subartikolu 2 ta'l-artikolu 8 fuq imsemmi jirrikjedi l-mens rea, cioe l-element intenzjonali. Fil-fatt f'sentenza mghotija minn din il-Qorti kif diversament preseduta[1] intqal li l-elementi tar-reat in dizamina huma:-

> *1. l-att li bih annimal gie mgieghel isofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn – actus reus; u*

[1] Mill-Magistrat Dr A. Demicoli fil-kawza Il-Pulizija vs Elton Saliba fis-16 taa' Ottubru 2015.

*2. l-intenzjoni f' moħħ min ikkommetta r-reat u sahansitra x-xewqa illi jaghmel tali atti sabiex volontarjament igieghel annimal jsofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn – mens rea.*[2]

Illi dwar it-trattament xieraq dovut lill-annimali kellha opportunita telabora l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Galea[3]

*L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:*

*1. Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.*
*2. Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.*
*3. Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.*
*4. Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.*
*5. Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.*

*Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu r-responsabilta li jassigura li dawn id-drittijiet jigu mharsa.*

Illi kif diga intqal aktar 'l fuq l-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubieta mill-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-veterenarju dwar il-griehi li kellu z-ziemel, konsegwentement hija konvinta li dawk il-griehi kienu konsegwenza ta' hruq u li kienu ilhom xi gimgha li saru.

Illi ghalkemm mill-atti processwali ma jirrizultax kif soffra l-hruq, jirrizulta ampjament li z-ziemel kien taht il-kontroll taz-zewg imputati meta soffra l-hruq. Jirrizulta ukoll li minkejja z-ziemel kien soffra hruq l-imputati ghazlu

---

[2] Ara ukoll Il-Pulizija vs Alban Josef Saliba deciza minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr A Bugeja fit-8 ta' Lullju 2016.
[3] Deciza fid-29 ta' Mejju 2013.

li ma jikkonsultawx ma' tabib veterenarju[4]. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-imputati, li ma kienux xhieda kredibbli, baqaw jinnegaw l-ovvju u cioe l-fatt li z-ziemel soffra hruq, il-Qorti hija konvinta li kienu l-imputati li kkawzaw il-griehi li soffra z-ziemel u li kienu jafu li dawn il-griehi kienu ser jikkawzaw ugigh u tbattija li baqghet tipprolunga ruhha minhabba l-fatt li z-ziemel ma nghatax kura professjonali anke wara li saret l-ewwel spezzjoni.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta ampjament ukoll li bil-mod kif kienu qed jipprovdu ghal dan iz-ziemel l-imputati ma ssodosfaw l-ebda wiehed mill-hames rekwizieti elenkati mill-Qorti ta'l-Apperll u fuq kwotati.

Illi konsegwentement l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi mir-riassunt tal-provi jirrizulta li minbarra dan iz-ziemel fir-razzett Stpehen Garzia kellu zwiemel ohra, klieb u tigieg. Jirrizulta li tnejn mill-klieb kellhom denbhom maqtugh, wiehed minnhom kellu diversi griehi u t-tlieta li huma kienu fi stat ta' sahha prekarja; dawn il-klieb la kienu registrati u lanqas iccipjati. L-annimali kollha (it-tigieg inkluzi) kienu mizmuma f'ambjent mhux biss inadegwat imma anke mahmug u ta' perikolu.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra l-imputat Stephen Garzia jirrizultaw pruvati ukoll.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Matthew Vella gie addebietata ukoll bir-recidiva.

Illi mill-atti jirrizulta li permezz ta' sentenza datata 2 ta' Frar 2011 Vella kien gie ikkundannat multa ta' mija u sbatax il-Euro (€117) u l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni sehhew f'Lulju 2014, din l-ahhar imputazzjoni tirrizulta.

Ikkunsidrat

[4] U dan naqsu li jaghmluh anke wara li kienu nghataw struzzjonijiet jaghmlu hekk mill-uffijclai tad-Dipartiment tal-Harsien ta'l-Annimali.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 8(2)(3) u 10(b) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 11 ta'l-Avviz Legali 199 tas-sena 2011, ssib lill-imputat **Stephen Garzia** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tlett Elef Euro (€3,000); u

Wara li rat l-artikoli 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Matthew Vella** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500).

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**